MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Numru. 4/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)

**vs.**

**Julian Muscat**

**Illum 25 ta' April 2012**

**Kawza Numru 4/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Julian Muscat ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, bin Joseph u Vicky nee Axiaq, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar is-7 ta' Dicembru, 1985, residenti fil-fond numru Flat 3, Rigo Flats, Triq San Indria, Xlendi, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 3086G akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-28 ta' Novembru,

2009, u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel, gewwa x-Xlendi limiti tal-Munxar (Ghawdex) u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti;

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) u (c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tat-8 ta' Marzu 2010 ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz.

Semghet il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta mizmuma llum Dr. Angele Agius ghall-imputat talbet is-segwenti :

«li l-istqarrija rilaxxata *a fol.* 14 *et seq* tal-process tigi skartata u dana peress illi l-imputat meta ttiehditlu l-istqarrija ma kellux il-fakulta' li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu u allura saret bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-imputat ghal smiegh xieraq u dana kif sancit kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artiklu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u anke skond gurisprudenza nostrana ricenti ».

Illi, a bazi tal-gurisprudenza ricenti, il-Qorti m’ghandhiex alternattiva hlief li t-talba msemmija hawn fuq tigi milqugha u b’hekk sejra tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-istess imputat. Gialadarba qieghed isir dan, il-Qorti tinnota li ma jirrizultawx bizzejjed provi ohra sabiex l-imputat jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant, fuq nuqqas ta’ provi, l-imputat qieghed jigi liberat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------